MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 214/1993/1

**Martin Bonello Cole**

**vs**

**Kenneth Cole**

**IL-Qorti,**

**Preliminari**

Rat **ic-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi huwa kien dahal shab mal-konvenut f'negozju ta' kiri ta' fond kummercjali "The Greyhound" (ex Dolphin Bar & Restaurant) Main Street, St. Julians;

Premess illi l-attur kien azzjonista mall-konvenut f'kumpanija "M & K Ltd", liema kumpanija kienet biss topera in-negozju precedentement imsemmi;

Premess illi l-attur hareg komplessivament is-somma ta' Lm19,053.36 ghal dan in-negozju Dok "A";

Premess illi dan in-negozju falla, b'responsabbilita' totali w unika da parti tal-konvenut li ghalhekk ikkaguna dannu lill-attur;

Premess illi l-aspettativa kummercjali tal-fond gie wkoll mahnuq;

L-attur **talab** li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli minhabba negligenza u traskuragni da parte tieghu, ghall-falliment tan-negozju gestit mill-kumpanija u partikolarment ghat-telfa tal-kirja tal-fond kummercjali "The Greyhound" (ex Dolphin Bar & Restaurant), Main Street, St. Julians;

2. Tiddikjara illi dan l-agir ikkaguna dannu lill-attur;

3. Tillikwida d-danni hekk ikkagunati lill-attur (a) fl-ammont ta' Lm19,053.36 jew somma ohra verjuri u (b) fl-ammont li jidrilha xieraq ghar-rigward ta' telf ta' kapital u profitt fil-futur;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata, bl-imghaxijiet kummercjali mid-data li tigi stabilita mill-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur a fol. 2;

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 8 fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-falliment fin-negozju ma kienx kawza ta' xi nuqqas ta'

responsabbilita' jew ta' negligenza da parti tal-eccipjent; anzi, kien l-attur li abbanduna l-ftehim ta' bejniethom li jiggestixxu f'daqqa n-negozju ta' bejniethom u minn Settembru 1986, f'daqqa wahda la mar fil-hanut u lanqas biss kellem lill-eccipjent. Ghalhekk, fil-fatt kien l-eccipjent li kellu johrog partita flus minn
butu biex ihallas id-dejn tan-negozju ta' bejniethom;

Illi ghar-rigward tat-telfa tal-kirja tal-hanut, il-lokazzjoni kienet personali u *in solidum* bejn il-partijiet. L-attur kien interpellat biex ihallas il-kera u baqa' ma hallasx. Anzi, skond il-provi li rrizultaw fil-kawza ta' zgumbrament, kien hemm okkazjoni meta l-interpellazjoni ghall-hlas saret biss lill-attur u mhux lill-konvenut. Ghaldaqstant, lanqas f'dan ir-rigward ma jista' jinghad illi l-eccipjent kien responsabbli ghat-telfa tal-kirja tal-hanut.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat **il-kontrotalba tal-konvenut** a fol. 11 fejn ippremetta:

Peress illi l-partijiet kienu dahlu shab sabiex jidhlu fin-negozju ta' gestjoni ta' "pub" f'San Giljan, u b'dan il-ghan huma personalment krew il-fond "Dolphin Bar & Restaurant" f'Main Street, St. Julians. Wara li sarulu hafna mill-ornamenti strutturali, l-isem tal-fond gie mibdul f' "The Greyhound".

Peress illi l-ftehim bejn il-partijiet kien illi waqt li l-esponent kellu jiehu hsieb ix-xiri tal-materjal u l-impjegati, l-attur kellu jiehu hsieb dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' flus, banek u acounts, cioe' ma ' dak kollu li kellu jaqsam mal-finanzi tal-lokal, u dan peress illi l-attur huwa awditur fil-professjoni.

Peress illi fit-18 ta' Dicembru, 1985 giet iffurmata l-kumpanija "M & K Ltd", li taghha l-partijiet huma l-unici azzjonisti, u l-gestizzjoni tan-negozju kien gie fdat lil din is-socjeta'.

Peress illi f’Settembru 1986, l-attur abbanduna kompletament in-negozju u l-ftehim ta’ bejniet il-partijiet ta’ kif kellu jigi effettivament gestit in-negozju.

Peress illi n-negozju beda sejjer lura, tant li n-negozju kellu eventwalment jinghalaq, u wara sahansitra gew sgumbrati mill-fond minhabba morosita’ fil-hlas tal-kera.

Peress illi bhala nvestiment, u sabiex jissussidja d-dejn tan-negozju l-esponent hareg komplessivament is-somma ta’ Lm33,689.834 ghal dan in-negozju – kif jidher mill-istatement Dok “B”.

Peress illi l-attur kien responsabbli ghal falliment tan-negozju u ghad-danni konsegwenzjali li sofra l-esponent;

Jghid ghalhekk l-attur ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lill-attur responsabbli ghal falliment tan-negozju ta’ bejn il-partijiet espress fil-gestjoni tal-“pub” imsejjah “The Greyhound”, f’Main Street, St. Julians;

2. Tiddikjara lill-attur responsabbli ghad-danni sofferti mill-esponent bhala kawza ta’ dan il-falliment;

3. Tillikwida d-danni hekk ikkagunati lill-attur (a) fl-ammont ta’ Lm33,689.834 jew somma ohra verjuri u (b) fl-ammont li jidhrilha xieraq ghar-rigward ta’ telf ta’ kapital u profitt fil-futur;

4. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut is-somma hekk likwidata, bl-imghaxijiet kummercjali mid-data li tigi stabbilita mill-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-attur li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-**nota ta' eccezzjonijiet ta' l-attur ghal-kontrotalba tal-konvenut** a fol. 19 tal-process fejn ecepixxa:

Illi l-kontro-talba ta’ Kenneth Cole ghandha tigi michuda peress illi hija nfondata fid-dritt u fil-fatt stante illi l-falliment

tan-negozju in kwistjoni ma gratx minhabba responsabilita’ ta’ Martin Bonello Cole.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet a fol. 38;

Rat is-sentenza preliminari a fol. 151;

Rat is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell a fol. 234;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet:

**KONSIDERAZZZJONIJIET**

Il-kwistjoni tar-responsabilita’ ghall-falliment tan-negozju gestit mis-socjeta’ M&K Limited diga’ giet deciza minn din il-Qorti u konfermata mill-

Qorti tal-Appell permezz ta’ sentenza moghtija fil-5 ta’ Ottubru, 2001 (fol. 234) fejn gie konfermat li l-attur ghandu jehel kwart mir-responsabilita’ ghall-falliment tan-negozju gestit mill-kumpanija M&K Limited filwaqt li l-konvenut ghandu jehel tlett kwarti. L-Qorti tal-Appell irrimandat l-atti quddiem din il-Qorti ghall-fini ta’ deliberazzjoni u decizjoni tat-tielet u r-raba’ talbiet attrici u cioe’ l-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur bhala konsegwwenza tal-falliment tan-negozju u l-kundanna ghall-hlas tal-konvenut lill-attur tad-danni hekk likwidati.

**L-Eccezzjoni ta’ Preskrizzjoni**

Irid jigi rilevat izda, li fl-istadju tal-appell il-konvenut eccepixxa ulterjorment il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti tal-Appell dehrilha li kien ikun opportun li din l-eccezzjoni tigi kkunsidrata fl-ewwel kors tal-provi u sottomissjonijiet

relattivi ghat-tielet u raba’ talbiet tal-attur u dan peress li din l-eccezzjoni kienet tincidi l-aktar fuq l-aspett tad-danni li kien ghadu ma giex ikkunsisdrat f’dak l-istadju. (ara fol. 245 para 18) Iz-zewg partijiet ma ressqux provi u ma ghamlu ebda sottomissjoni fir-rigward ta’ din l-eccezzjoni izda la darba din l-eccezzjoni giet sollevata mill-konvenut jehtieg li din tigi deciza minn din il-Qorti. Ghallhekk l-ewwel qed tigi kkunsidrata din l-eccezzjoni.

Il-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dan l-Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

*“L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux kagunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ sentejn”.*

Ic-citazzjoni odjerna giet intavolata fid-19 ta’ Frar, 1993. Jekk wiehed jezamina l-prospett tad-danni ezebit mill-attur a fol. 4 tal-process u dak aktar dettalljat u akkompanjat mill-ircevuti relattivi u dokumenti ohra a fol.

249 *et seq*. wiehed jinduna li kwazi d-danni kollha li taghhom l-attur qed jitlob ir-rizarciment gew inkorsi minnu oltre sentejn qabel ma giet intavolata din il-kawza salv ghall-ammont ta’ Lm1825.00 li huwa hallas lis-Sinjura M. Fenech Adami in kwantu jirrigwarda l-arretrati tal-kera, liema pagament gie effetwat minnu fit-22 ta’ April, 1992 (ara dokument a fol. 259 tal-process) u l-ammont ta’ Lm2249.00 li thallas lil Dr. Carmel Vassallo fis-16 ta’ Jannar, 1992 (ara dokument a fol. 263 tal-process) u dan bhala l-ispejjes gudizzjarji relattivi ghall-kawza ta’ zgumbrament intavolata mis-sid tal-kera tal-Greyhound Pub mikri lill-partijiet fil-kawza odjerna.

Il-Qorti jidrilha li fil-kaz odjern il-preskrizzjoni ghandha tibda tiddekorri mid-data meta l-partijiet fil-kawza odjerna gew zgumbrati mill-fond, u cioe’ it-30 ta’ Jannar, 1990 u mhux mid-data meta l-attur effetwa l-pagamenti relattivi. Inoltre l-Qorti tirritjeni li l-preskrizzjoni applikabbli ghall-azzjoni attrici hija dik ta’ hames snin kif provdut fl-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 12 u mhux dik ta’ sentejn eccepita mill-konvenut. Id-danni mitluba mill-attur jirrizultaw minn

relazzjoni kuntrattwali li kien hemm bejn il-partijiet, u cioe' dik tal-gestjoni tan-negozju, u min-nuqqas tal-konvenut li jadempixxi mal-obbligi minnu assunti permezz tal-imsemmi ftehim. Meta giet ikkunsidrata u deciza il-kwistjoni tar-responsabilbilita' ghall-falliment tan-negozju gestit mis-socjeta' M&K Limited gie fil-fatt stabbilit li t-telfien tal-kirja tal-fond kummercjali "The Greyhound", f'Main Street, San Giljan sehh minhabba negligenza u traskuragni min-naha taz-zewg partijiet, anki jekk mhux f'porzjonijiet ugwalli, u li dan l-agir ikkaguna dannu lill-attur. Il-htija tal-konvenut, li baqa' direttur tas-socjeta' M&K Limited, u n-negligenza tieghu giet stabbilita' f''porzjoni akbar minn dik attribwibbli lill-attur. In-negligenza tal-konvenut kienet rizultanti mill-gestjoni tan-negozju fil-kapacita' tieghu ta' direttur tas-socjeta' M&K Limited u ghalhekk hija naxxenti min-nuqqas tieghu li jadempixxi mal-ftehim ezistenti bejn il-partijiet in kwantu jirrigwarda l-gestjoni tan-negozju.

Ghalhekk l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 qed tigi michuda.

**Likwidazzjoni tad-Danni**

L-attur indika l-ammont ta' danni minnu sofferti bhala konsegwenza tal-agir tal-konvenut li wassal ghall-falliment tan-negozju bejn il-partijiet fis-somma ta' Lm19,053.36. (Dok A fol. 4 tal-process). Huwa ezebixxa prospett rigwardanti d-danni minnu reklamati filwaqt li a fol. 249 et seq. huwa pprezenta rendikont dettaljat tal-imsemmija danni, liema rendikont gie debitament akkompanjat mill-ircevuti relattivi jew altrimenti minnn dokumenti ohra in sostenn tat-talba tieghu.

Minn ezami ta' dawn id-dokumenti jirrizulta li is-somma li l-attur qed jitlob bhala danni hija formata mill-ammont li huwa hallas bhala kapital azzjonarju (Lm500.00), minn ammont li huwa hallas lill-Bank of Valletta fil-kwalita' tieghu ta' garanti ghas-self li nghata mill-imsemmi bank lis-socjeta' M&K Limited cjoe (Lm1855.00 u Lm2774.00), u pagamenti ohra li huwa effetwa lill-konvenut biex

jithallsu spejjez tal-kumpanija kif ukoll pagamenti li huwa effetwa f'isem M&K Limited biex jithallsu l-ispejjez tal-istess kif jirrizluta b'mod dettaljat fid-dokument ezebit a fol. 249/250.

Il-konvenut jissottometti li huwa ghandu jinzamm responsabbli biss ghad-dejn li gie krejat wara li l-attur irrizenja minn direttur tas-socjeta' M&K Limited u mhux ghal dak li huwa nkorra qabel. Il-konvenut isostni wkoll li huwa hallas sehmu lill-Bank bhala garanti, u dan fl-istess ammont imhallas mill-attur u jirrrileva li l-attur stess jammmetti li sa Dicembru 1987 il-kotba tal-kumpanija kienu ghadhom fil-pussess tieghu. Il-konvenut ghalhekk jirritjeni li sa dik id-data l-attur kellu kull opportunita' li jipprepara l-*accounts* tas-socjeta' M&K Limited kif fil-fatt kien obbliga ruhu illi jaghmel.

Kif diga' spjegat aktar il-fuq u deciz mill-Qorti l-konvenut gie akkollat bi tlett kwarti tar-responsabilita' ghall-falliment tan-negozju gestit mis-socjeta' M&K Limited. Il-Qorti tirritjeni li d–danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' dan l-agir kienu jikkonsistu f'dak kollu li huwa nvesta personalment fl-imsemmi negozju liema nvestiment sfaxxja fix-xejn minhabba l-agir tal-konvenut u anki tal-istess attur. Id-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza tan-negligenza tal-konvenut ghandhom jigu likwidati billi jigi kalkolat l-ammont globali investit inutilment mill-attur fin-negozju bejn il-partijet li spicca biex sfaxxja. Il-likwidazzjoni tad-danni adoperata mill-attur hija ghalhekk korretta u sostanzjata minn provi dokumentarji. Il-konvenut ma ressaq ebda prova biex jikkontradici dawn id-danni mitluba mill-attur u ghalhekk id-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-falliment tan-negozju gestit mis-socjeta' M&K Limited qed jigu likwidati fis-somma ta' Lm19,053.00 u in vista tal-fatt li l-konvenut gie akkollat b'tlett kwarti mir-responsanilita', huwa ser jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' Lm14,289.75.

Dwar it-talba ta' l-attur ghall-ammont ghat-telf ta' kapital u profitt fil-futur, (fol. 248) il-Qorti tiddeciedi li ebda ammont mhu dovut f'dan is-sens billi ma saru ebda provi f'dan ir-rigward.

Il-konvenut issottometta wkoll li l-imghax pagabbli minnu ghandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza trattandosi ta' somma *da liquidarsi*. F'dan ir-rigward il-Qorti hija tal-fehma li l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tac-citazzjoni stante li l-ammont mitlub kien diga' gie prelikwidat mill-attur fil-mument meta huwa ntavola l-kawza.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi
tillikwida d-danni kkagunati lill-attur fl-ammont ta' erbatax il-elf, mitejn u disgha u tmenin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm14,289.75);
u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata,
Bl-ispejjez skond ir-rispettivi rebh u telf
u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------